**RULING MOGĦTI FIS-SEDUTA NRU 602 TA' L-ERBGĦA, 12 TA' DIĊEMBRU 2007**

B'riferenza għat-talba ta' ksur ta' privileġġ imressqa mill-Onor Joe Mizzi fis-Seduta 596 ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Diċembru 2007 kontra l-gazzetta "In-Nazzjon" u kontra s-sit elettroniku maltarightnow.com għar-rapport li deher fil-ħarġiet tal-Ħamis, 29 ta' Novembru 2007 intitolati "L-Oppożizzjoni ttellef seduta parlamentari oħra", is-Sedja eżaminat it-transcript tas-seduta kif ukoll ir-rapporti li dehru fil-media msemmija.

Wara li s-Sedja rat il-paragrafi msemmija mill-Onor Membru, ċioe' il-paragrafi (d), (j) u (k) tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 11 ta' l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, ċitati mill-Onor Membru, is-Sedja ma jirriżultalhiex li hemm każ ta' prima facie ksur ta' privileġġ, iżda naturalment is-Sedja qed tiddikjara dan bla ebda preġudizzju għal kull azzjoni oħra li l-Onor Membru jista' jħoss li għandu jieħu f'fora oħra.

Is-Sedja tieħu din l-opportunità biex terġa' tappella lill-mezzi tal-media sabiex ikunu fidili fl-eżerċizzju tad-doveri tagħhom billi jirriflettu fedelment il-kelma u l-ispirtu ta' dak li jingħad u jsir fil-Kamra.

Fir-rigward tal-quorum, is-Sedja tirreleva li l-pożizzjoni preżenti rigward il-quroum fil-Kamra tad-Deputati hija principalment regolata mill-artikolu 70 tal-Kostituzzjoni, u b'manjiera sussidjarja mill-Ordnijiet Permanenti. Il-quorum tal-Kamra huwa ta' 15-il membru, meta teskludi l-persuna li tippresjedi. Jekk membru jiġbed l-attenzjoni dwar in-nuqqas ta' preżenza ta' quorum, allura l-Ispeaker jew il-persuna li tkun qed tippresjedi jkollha tivverifika jekk attwalment hemmx quorum jew le. Il-Kostituzzjoni tippermetti li din il-verifika ssir wara intervall kif preskritt mill-Ordnijiet Permanenti. Jekk ma jkunx hemm quorum preżenti, allura s-seduta tiġi aġġornata. L-Ordnijiet Permanenti, minn naħa tagħhom, jirregolaw il-materja tal-quorum, kemm dik li għandha x'taqsam mas-seduta tal-Kamra, kif ukoll dik li għandha x'taqsam mas-seduti tal-Kumitati tal-Kamra kollha, kif ukoll fil-każ tal-Kumitati Magħżula. F'dan l-aħħar każ, il-quorum huwa ta' tliet membri.

Huwa ċar li r-regolamenti dwar il-quorum fil-Kostituzzjoni qegħdin hemm biex jaċċertaw li deċizjonijiet meħuda mill-Kamra jiġu meħuda meta għall-inqas ikun hemm sezzjoni li tirrappreżenta l-Kamra, u dan biex jirrifletti l-karattru rappreżentattiv tal-funzjonijiet li teżerċita l-Kamra. Tabilħaqq, il-ħtieġa ta'quorum hija ħaġa normali fil-kumitati u organi oħra li jiffunzjonaw fuq il-prinċipju ta' kumitati. Normalment il-ħtieġa ta' quorum ma toħloqx problemi serji. Il-problema hija jekk il-verifika tal-quorum tistax tiġi abbużata billi jew wieħed juzaha biex jipprovoka dewmien irraġonevoli fix-xogħol tal-Kamra, jew inkella biex

dan ix-xogħol jiġi mwaqqaf b'mod mhux naturali u mhux mistenni. Naturalment, dan l-argument jista' jiġi mwieġeb bir-risposta li huwa d-dmir u x-xogħol tal-membri li jkunu preżenti għas-seduti tal-Kamra, allura l-verifika tal-quorum ma tistax tiġi kkunsidrata bħala abbuż galadarba hija l-eżerċizzju ta' dritt li l-Kostituzzjoni tagħti lill-membri biex taċċerta l-preżenza tagħhom meta liġi tkun qiegħda tiġi mgħoddija u waqt l-istess xogħol tal-Kamra. Minkejja dan, xorta jibqa' fatt li s-sejħa persistenti għall-verifika tal-quorum mhux neċessarjament dejjem tkun animata mix-xewqa li jkun hemm il-preżenza tal-membri, imma forsi aktar mit-tama li l-proċeduri jinġiebu għal waqfien, u allura jipprovokaw dewmien bla bżonn. Iżda mingħajr l-ebda dubju, dejjem huwa diffiċli li wieħed jassumi li persuna jista' jkollha din l-intenzjoni. Fi kwalunkwe każ, il-kwistjoni ta' jekk ir-repetizzjoni ta' sejha ghal quorum hijiex abbuziva, tidher li mhix konklużiva ġaladarba l-mistoqsija m'għandhiex tweġiba.

Is-Sedja tixtieq tenfasizza l-importanza tal-preżenza tal-Membri fil-Kamra waqt is-seduti tagħha biex ix-xogħol tal-Kamra jitmexxa sew. Id-dinjita' għolja tal-Kamra fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha u r-rappreżentanza tal-poplu fil-Kamra jitolbu dan. Mill-banda l-oħra bl-istess mod huwa importanti li x-xogħol tal-Kamra ma jiġix interrott ħlief għall-raġunijiet mill-aktar serji. Għalhekk, huwa dejjem desiderabbli li wieħed juża l-prudenza massima.